# *KWADRU VOTIV TA' ŻMIEN IL-KOLERA TAL-1837*

*minn Ġorġ Azzopardi*



*Il-Kwadru votiv ta' żmien il-kolera tal-1837 (Ħajr lil Dun Joe Calleja għar-ritratt)*

Mija u sittin sena ilu, fis-sena 1837, il-gżejjer tagħna ġew maħkumin mill-imxija qerrieda tal-kolera. U r-raħal ta' Sannat ma' ħeliskiex! Biżejjed ngħidu li kien hemm 24 persuna minn Sannat li ntlaqtu minn din il-marda: għaxra minhom mietu, filwaqt illi l-erbatax l-oħrajn fiequ. Kien hemm ukoll 14-il persuna mill-Munxar (li dakinhar kien għadu jifforma parti mill-parroċċa ta' Sannat) li ntlaqtu mill-istess marda: mietu tmienja filwaqt illi s-sitta l-oħrajn fiequ (+).

Jfakkarna f'dan l-episodju, nsibu kwardu żgħir imdendel mal-ħajt f'kuridur anness mas-sagristija tal-knisja parrokkjali ta' Sannat. Fil-parti ċentrali ta' dan il-kwadru jidhru l-Madonna flimkien mal-Missier Etern, filwaqt illi fil-parti t'isfel nilmħu xbieha ta' skeletru uman wieqaf u liebes l-armatura ta' suldat. Din ix-xbieha hija simbolu tal-mewt kif jidher ukoll mill-minġel miżmum, flimkien mat-tarka tonda, fl-id ix-xellugija. Fl-id il-leminija nilmħu xabla. Mill-pożizzjoni tagħha, il-mewt tidher qiegħda taħrab u titbiegħed bħala riżultat tal-interċessjoni tal-Madonna quddiem Alla l-Missier Etern.

Interessanti huma d-dettalji li nilmħu fuq it-tarka. Fin-nofs tidher is-sena 1837: is-sena li fiha feġġet il-marda tal-kolera, filwaqt illi mad-dawra tat-tarka jidhru l-ittri V.F.G.A. Dawn l-ittri nsibuhom bosta drabi fuq xi kwadru votiv (jew, kif jissejjaħ ukoll, kwadru "ex-voto") għaliex ikun sar bħala tkomplija ta' wegħda wara grazzja maqlugħa. Fil-fatt, dawn huma l-ittri inizjali tal-kelmiet bit-Taljan: "Voto Fatto Grazia Avuta" (bil-Malti: "saret qegħda u l-grazzja ġiet maqlugħa), jew tal-kelmiet bil-Latin "Votum Fecit Gratiam Accepit" (bil-Malti: għamel wegħda u rċieva l-grazzja) li jfissru wkoll l-istess* ħaġa.

Dan il-kwadru, għalhekk, huwa kwadru votiv ta' żmien il-kolera tal-1837. Ma' jirriżultax li hu magħruf minn min ġie kummissjonat jew irregalat. Jista' jkun li jew ġie mogħti minn xi persuna minn Sannat li ħelsitha mill-marda, jew inkella seta' sar mill-parroċċa stess f'isem dawk is-Sannatin kollha li ħelsuha minn dan il-fraġell kiefer, u allura, minn ħalq il-mewt simbolizzata b'mod li tassew tispikka f'dan il-kwadru "ex voto"

(+) N.B. Għal dan u aktar tagħrif dettaljat dwar l-istess episodju, ara JOSEPH BEZZINA, Sannat fi Grajjet Għawdex, Gozo 1989, 336-41